# In-Niċċa tal-Kurċifiss

minn Malcolm Schembri

**Il-Post fejn tinsab**

Inti u nieżel mit-triq prinċipali li tagħti minn Ħaż-Żabbar għal Wied il-Għajn, magħrufa bħala t-triq l-antika li twasslek għal Wied il-Għajn, għandek issib niċċa li fiha ssib kurċifiss. Din in-niċċa qegħda eżatt maġenb Sqaq l-Għargħar. In-nies li joqogħdu f'dawn l-inħawi, jieħdu ħsieb din in-niċċa billi jżejnuha bil-fjuri, jixegħlu x-xemgħat u jiġbru d-donazzjonijiet biex in-niċċa tkun tista' tinżamm fi stat tajjeb. Barra minnhekk, dawn in-nies jieħdu ħsieb li jiżbgħu din in-niċċa minn żmien għal żmien.

**Tinbena n-niċċa bħala wegħda**

Ta' min jgħid li din in-niċċa hi antika ferm u saret fl-1846. Xhieda ta' dan hija l-kitba li nsibu taħt in-niċċa li turi s-sena ta' meta saret. Din in-niċċa tal-kurċifiss ġiet mibnija bħala wegħda li kienu għamlu xi bdiewa. Dawn il-bdiewa talbu lil Alla biex jinstab l-ilma kif fil-fatt ġara. Mhux talli nstab l-ilma, talli ġiet iffurmata sienja biex l-ilma li jinħadem, ikun jista' jintuża għat-tisqija tar-raba' ta' dawn il-bdiewa. Forsi għalhekk ukoll li Sqaq l-Għargħar ħa ismu, minħabba l-kwantita` ta' ilma li beda jkollhom il-bdiewa li jaħdmu l-għelieqi tagħhom.

**Deskrizzjoni tan-Niċċa**

Tista' tgħid li kulħadd jilmaħ din in-niċċa hu u għaddej mit-triq bil-karozza jew bil-mixi, imma mhux kulħadd jinnota l-irqaqat. Din in-niċċa hija miżbugħa b'żebgħa kaħla u għandha ħġieġa mdawra bi gwarniċ kannella. Fin-niċċa, nsibu l-figura ta' Ġesu` Msallab, iddekorat bil-fjuri, filwaqt li fuq barra, wieħed jista' jpoġġi xi xemgħa. Il-ħajt li jdawwar din in-niċċa huwa ħajt sempliċi pero` fl-istess ħin, insibu disinji fil-ġebla kemm min-naħa ta' fuq tan-niċċa kif ukoll min-naħa t'isfel. Fuq il-ħajt insibu żewġ ġebliet bl-iskultura li jkomplu jsebbħu lil din in-niċċa sabiħa.

**Deskrizzjoni tas-Salib**

Għalkemm s'issa għadni ma nafx min għamel dan is-salib jew ta' min eżatt kien, madanakollu, ix-xbiha tiegħu turik ħniena. Il-pożizzjoni tar-ras mixħuta fuq ġenb kif ukoll l-anatomija ta' Kristu bl-għadam ta' ġismu mqabbżin 'il barra, kif ukoll il-pożizzjoni ta' jdejh imsammrin kważi mat-tarf tas-salib u s-saqajn imrikkbin waħda fuq l-oħra, żgur tiġbidlek l-attenzjoni, ġġiegħlek tħares fid-dettal lejn din il-figura u tgħid talba quddiemha.

**Talb quddiem din in-Niċċa**

In-nanniet tiegħi, ta' sikwit, kienu jfakkruni waqt li konna nkunu għaddejjin minn quddiem din in-niċċa biex ngħid it-talba tal-Kredu (il-Kredu l-qasir għax normalment, meta nitolbu, ngħidu l-Kredu l-qasir; il-Kredu t-twil jingħad fil-quddiesa), minħabba l-preżenza ta' din ix-xbiha, kif fil-fatt konna nagħmlu: **'Jien nemmen f'Alla wieħed, il-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art u f'Ġesu` Kristu, ibnu wieħed Sidna li kien konċeput mill-Ispirtu s-Santu, twieled minn Marija Verġni, bata taħt il-ħaqq ta' Ponzju Pilatu, sallbuh, miet u difnuh, niżel il-limbu mat-tielet jum qam minn bejn l-imwiet, tela' fis-smewwiet, qiegħed in-naħa tal-lemin t'Alla l-Missier, li jista' kollox, minn hemm għandu jiġi biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin....'** Quddiem din ix-xbiha, m'hemmx talba oħra isbaħ minn din li għadni kemm semmejt għax tiġbor dan kollu fuq Ġesu`.

**L-iskrizzjoni ta' taħt in-Niċċa**

Ftit 'l isfel min-niċċa, insibu din il-kitba bit-Taljan li tinqara hekk:

'O Gesu` Mio Abbi Pieta` Di Me.
Indulgenza Di 100 Giorni
Quanta Volte Si Recita
Questa Giaculatoria
Pio IX 1846.'

li bil-Malti tfisser:
'O Ġesu` Tiegħi Ikollok Ħniena Minni.

Indulġenza Ta' 100 Jum
Kull Darba Li Wieħed Jgħid
Din il-Ġakulatorja.
Piju IX 1846.'

Din il-kitba bit-Taljan tpoġġiet taħt din in-niċċa biex tfakkar l-episodju li għadni kemm semmejt aktar 'il fuq.

**L-Indulġenza b'talb u wegħdi**

Kull min kien ikollu bżonn xi grazzja, kien jiġi jżur din in-niċċa u jitlob quddiemha u kif tgħid l-iskrizzjoni kien jingħata 100 jum indulġenza (grazzji speċjali) kull darba li kien jitlob quddiem din in-niċċa. Wara li jkun talab quddiem Ġesu` msallab, kien jagħmel xi wegħda, jagħti xi donazzjoni u jħalli xi xemgħa biex tiġi mixgħula.

**Illum....**

Forsi wieħed lanqas biss jinduna jew jagħti kas din in-niċċa, pero` s-sinifikat tagħha, għadu hemm u forsi, jekk m'għadniex naraw nies jitolbu quddiem din in-niċċa, pero` naħseb li għad fadal fostna li għadhom jgħidu xi talba, waqt li jkunu għaddejjin minn ħdejn din in-niċċa.



**Vandalizmu lin-Niċċa**

Għalkemm dan il-kurċifiss jiġbed bosta devozzjoni lejh, mhux l-ewwel darba li safa l-mira tal-vandali fejn mhux talli jkissru l-ħġieġa tan-niċċa, talli anki jisgassaw u jisirqu l-kaxxa ta' l-offerti għall-manutenzjoni ta' din in-niċċa. Meta jiġri hekk, dawn in-nies li joqogħdu fil-viċinanzi, jerġgħu joqogħdu jsewwu l-ħsara li tkun saret u mhux l-ewwel darba li jħallsu minn buthom ta' din il-ħsara bla bżonn. Waħda mir-raġunijiet li tista' twassal għal dan il-vandalizmu hi li mhix imdawla biżżejjed, qegħda fid-diżabitat u allura qegħda taħt skrutinju kontinwu minn dawk li ma japprezzawx l-affarijiet sbieħ ta' madwarhom.



In-niċċa tal-Kurċifiss li qiegħda fit-triq prinċipali li tagħti minn Ħaż-Żabbar għal Wied il-Għajn.

**Ħidma mill-Kunsilli Lokali**

Il-Kunsilli Lokali li ġew imwaqqfa biex jaħdmu f'isem iċ-ċittadini, huma fid-dmir, iħarsu dan il-patrimonju ta' missirijietna, billi mhux biss jipproteġuh, iżda jikkonservawh u jnisslu kuxjenza favur l-istorja ta' pajjiżna, inklużi l-affarijiet ċkejknin, bħalma hija din in-niċċa li semmejna, għax fuq kollox din in-niċċa hija monument ħaj, bi storja twila u xita ta' devozzjonijiet minn missirijietna.

**Valur Imprezzabbli**

Għalhekk għandna ngħożżuha, mhux biss, biex tibqa' bħala rikordju minn dawk ta' qabilna u sservina biss biex nitolbu quddiemha, iżda jekk nieħdu ħsiebha, hemm iċ-ċans li tibqa' titgawda minn ta' warajna għax fl-aħħar mill-aħħar, in-niċċa tal-Kurċifiss tagħtina preżenza ħajja tal-fidi li kellhom missirijietna fl-emmna mqaddsa.